# JUM XITWI

Il-jum fetaħ bl-aħrax
Bix-xita w il-bard
W hekk baqa' l-jum kollu
Sal-lejla fit-tard.

Tassew rajtu kiefer
Tassew irrabjajt
X'ħin rajtni f'kamarti
Imsakkar hemm bqajt.

Mixruf wara t-tieqa
Għaddejt bosta ħin,
Nitpaxxa bil-gliegel
Ferrieħa ġejjin.

Iserpu w jinġemgħu
Jinfirdu w jogħlew
Ibaqbqu w ikaxkru
B'li sabu stagħnew.

Stħajjilthom dal-gliegel
Għaddejja mgħaġġlin
Il-ħajja tal-bniedem
Mifxula kull ħin.

Mifxula b'xi saram
Imħawwda b'xi serħ
'l hawn ġejja 'l hemm sejra
Għaliha m'hemmx ferħ.

Imsejken il-bniedem
Li jsib dat-taħwid
U jfittex il-bnazzi
Ma jmurx għand is-Sid.

Ix-xita mbagħad żdiedet
Bdiet tfaqqa' mal-ħġieġ
Il-ġmiel tan-natura
Inbidel fi ħmieġ.

Il-lejl daħal kmieni
Kulħadd għal friex tar
Lil Alla jgħid "Grazzi"
Li l-jum fittex mar.

Mhux hekk forsi l-bniedem
F'dil-ħajja bla sliem
Jittama f'min ħalqu
Għall-paċi 'l quddiem.

ALFRED MASSA
22.1.63



# Iljieli fid-Deżert ta' Dennis Agius

### Studju minn Clementine Aveta

F'din id-damma ta' poeżiji "Iljieli Fid-Deżert" ta' Dennis Agius, l-ideat huma oriġinali, meħuda mill-ħajja ta' l-awtur stess. Il-ħsebijiet huma marbuta wieħed ma' l-ieħor u mfissra ċar; effettivament, nistgħu ngħidu li dan il-ktieb fih poeżija waħda, twila, u mhux bosta poeżiji f'sezzjonijiet diversi bi ħsebijiet differenti. L-argument ġie żviluppat b'sens kif għandu jkun; tant hu hekk, illi dawn il-poeżiji qishom l-ewwel parti ta' awtobijografija — ħaġa tiġi wara l-oħra, deskrizzjoni wara oħra, ħsieb wara ieħor. In-natura ta' l-ideat hija aktarx filosofika u intellettwali, milli emozzjonali. Naraw li Agius għażel l-ideat tiegħu b'mod li jagħti impressjoni qawwija ta' unità artistika, u ta' sinċerità f'dan li kiteb. Dawn l-ideat huma sħieb u profondi; magħżula tajjeb u hemm bejniethom rabta "artistika", b'mod li jwasslu bla tbatija t-tqanqil li hemm f'ruħ il-poeta. Hekk kif l-istil ta' Agius huwa modern u liberu, (naraw illi l-arranġament u l-kostruzzjoni tal-versi huma tajba u flokhom. Kull linja hi marbuta bl-akbar armonija). Insibu wkoll illi l-awtur għandu vokabolarju kbir biżżejjed biex bih ifisser il-ħsebijiet bla tiġbid u tbatija. Għad illi jdaħħal kliem komuni u sempliċi, dawn fihom ċerta dinjità u qawwa, kif u fejn huma poġġuti. Naraw ukoll li jdaħħal kliem 'l hawn u 'l hemm ftit użat fil-Malti. Agius tant kien sinċier fl-ideat tiegħu li dawn jidhru tassew oriġinali. Anki s-suġġett huwa oriġinali. Fejn il-poeti l-oħra jibbażaw ix-xogħlijiet tagħhom fuq romantiċiżmu u sentimentaliżmu, Agius juża l-filosofija u dak kollu ta' madwaru bħala s-sisien għall-poeżija tiegħu. B'hekk iħallat (tajjeb ferm) ir-realiżmu mal-ispiritwalità. Dan l-ideal filosofiku huwa għoli ferm, l-aktar fl-aħħar strofa ta' "Lil hinn'.

*"bniedem ma tmutx*
*u tibqa' tgħix*
*int dak li int"*

Jurina li jrid ikun għal dejjem. Tolqotna wkoll il-mod kif Agius jibda mill-ewwel jitkellem fuq is-suġġett tiegħu, bla ma jintroduċi ħafna kliem sabiħ għal xejn.

L-awtur juża kliem li qisu jpitter dak li qed jara hu, u b'hekk, iġibilna dak quddiem għajnejna lilna wkoll għad illi aħna 'l bgħid minn fejn l-awtur kien meta ra dak li qed jiddiskrivi, aħna qisna qed naraw bl-istess għajnejn ta' l-awtur, nidħlu fil-persunalità tiegħu, u b'hekk Agius iressaqna qrib il-ġrajjiet li kienu hekk familjari u henjin għalih. Per eżempju, f'"il-Hemda":-

*"ħarist bħal dak is-seqer fil-għodwiet twal*